MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 625/2010

**Saint James Hospital Limited (C 17292)**

**vs**

**Chaiabya Elhamadi**

**It-Tribunal,**

**Ra** li t-**Talba** tas-socjeta' attrici hi biex il-konvenuta tigi kundannata thallasha s-somma ta' elf, sitt mija u ghoxrin Euro u sitta u erbghin centezmu (€1,620.46c) ghal servizzi medici u medicinali moghtija lill-istess konvenuta bejn it-18 ta' Lulju 2009 u l-21 ta' Lulju 2009 fuq inkariku taghha stess. Dana skond *invoice* tal-20 ta' Lulju 2009 ga mibghuta lill-intimata. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-hlas effettiv. It-Talba hi formulata fl-ilsien Ingliz ukoll.

**Ra** r-**Risposta** fis-sens li l-ammont mitlub mhux dovut imma fadal biss bilanc ta' seba' mija u sebghin Euro u sitta u erbghin centezmu (€770.46c) stante li diga thallas

akkont minnu u dana kif jigi pruvat waqt il-mori tal-kawza. Bl-ispejjez.

**Ra** n-notifika tar-Rikors lill-konvenuta datata 25 ta' Mejju 2010.

**Ra** li fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2010**,** li ghalija kienu prezenti d-difensuri ta' kull naha, giet prezentata nota ta' riduzzjoni (a fol 16) b'mod li t-Talba giet imnaqqsa ghal seba' mija u sebghin Euro u sitta u erbghin centezmu €770.46c oltre mghaxijiet u spejjes.

**DECIZJONI**

It-Tribunal ra li m'hemmx izjed xi jsir hlief li jghaddi ghas-sentenza. Ghalhekk qed jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sebghin Euro u sitta u erbghin centezmu (€770.46c) flimkien ma mghax skond il-ligi li jibda ghaddej mill-25 ta' Mejju 2010 sal-jum tal-pagament effettiv u tikkundanna lill-konvenuta li thallas ukoll l-ispejjes ta' dina l-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------